MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 838/2005

**Joseph Schembri (ID203953M)**
**vs**
**Charles Camilleri (ID312685M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' April, 2005, fejn inalab il-hlas ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm388.12) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' tlett mija tnejn u hamsin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm352.42) bhala danni kkawzati fil-vettura tat-tip Ford Capri li ghandha n-numru ta' registrazzjoni KAN-225, proprjeta` ta' l-istess attur u dan fl-incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta' Mejju, 2004, fi Triq Kordin, Paola, meta l-vettura misjuqa mill-konvenut tal-marka Toyota li ghandha n-numru ta' registrazzjoni EHQ-190 baqghet diehla u kkawzat il-hsarat meritu ta' di nit-talba ; u kwantu ghas-somma ta' hamsa u tletin**

**lira Maltija u sebghin centezmu (Lm35.70) spejjez ta' kiri ta' vettura.**
**Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra datata 19 ta' Jannar, 2005, u bl-imghax legali, ilkoll kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-6 ta' Mejju, 2005 fejn intqal :**
**i. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-incident in kwsitjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut izda sehh unikament tort ta' l-attur hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**ii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' John Farrugia u Charles Camilleri. Ra l-affidavit ta' Joseph Schembri u ta' Colin Cassar Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ra l-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju, 2005, li fih il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta r-responsabilita` tal-incident u li kien qed jammetti r-responsabilita` ghall-incident li jifforma l-mertu tal-kawza, pero` kien qed jikkontesta biss il-kwantum tad-danni reklamti**

**Ikkunsidra :**
**1. In vista tal-verbal fuq riferit dan il-kaz huwa limitat ghall kwantum tad-danni li garrab l-attur.**
**2. Il-vettura tal-attur kienet Ford Capri. Din garrbet hsarat fuq il-mudguard fuq in-naha tax-xellug u kienet habtet mal-bankina. Saru zewg surveys fuq il-vettura, Dok.B u C esebiti datati rispettivament 4 ta' Gunju, 2004 u 20 ta' Lulju, 2004. Skond l-attur l-ispejjez kienu is-segwenti :**
**i. Shock absorber: Lm35, Dok.E;**
**ii. Mechanical Work: Lm50;**
**iii. Front wing: Lm48, Dok.F u Dok.G;**
**iv. Shock absorber: Lm35, Dok.F u Dok.G;**
**v. 1 Arm: Lm10, Dok.F u Dok.G;**

**vi. Steering rack: Lm33, Dok.F u Dok.G;**
**vii. Wheel balancing: Lm8, Dok.F u Dok.G;**
**viii. Panel beating: Lm45, Dok.F u Dok.G;**
**ix. Spray: Lm40, Dok.F u Dok.G;**
**x. Kiri ta’ vettura: Lm35.70, Dok.D.**

**3. John Farrugia tal-Hot Rod garage fejn saru t-tiswijiet, jikkonferma ir-ricevuti Dok.F u G. Spjega li saru zewg surveys peress illi waqt li qed isiru x-xogholijiet. It-tieni survey jirrigwarda xogholijiet mekkanici addizzjonali fl-ammont ta’ hamsin lira (LM50.00), li jinkludi tibdil ta’ shock absorber.**

**4. L-ilment tal-konvenut huwa dwar il-fatt li l-attur bidel is-suspension, haga li ma kelliex x’taqsam mal-hsara li kellu. Il-konvenut jghid dan peress li hu mechanic. L-attur kien preparat li jhallas l-ammont ta mija u erbatax-il lira Maltija (Lm114.00) pero` mhux l-ammont kif rivedut fis-somma ta’ tlett mija tmienja u tmenin lira Maltija (Lm388.00).**

**5. Fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jinnota li definitivament is-somma mitluba hija whada esagerata, tenut kont tal-fatt li l-karrozza hija wahda li b’dak il-prezz tassew tigi write off. Ma jirrizultax li kien hemm in-necessita’ li jinbidlu zewg shock absorbers, u lanqas ma jirrizulta li kien mehtieg ix-xoghol mekkaniku imsemmi fit-tieni survey. Ghalhekk it-Tribunal qed inaqqas is-somma ta’ mija u ghoxrin lira mis-somma globali, u b ;hekk jigi li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u tmeinja u sittin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm268.12).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh, jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u tmienja u sittin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm268.12) bl-imghax legali dekkoribbli mill-lum.**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------